# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Tmien Legislatura

### *Laqgħa numru 40*

***11 t'April 2018***

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier
Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

***Assenti b'Apoloġiji*** (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

### *40.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

40.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

### *40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

40.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

40.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill iċċirkola draft bl-Ingliż u bil-Malti tal-Ligi Lokali dwar it-Tlajjar. Dan id-dokument ser ikun imressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'seduta normali oħra nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju. Sadanittant il-Kunsill qed jieħu ħsieb li jsiru l-proċeduri neċessarji sabiex din il-liġi ma ddumx ma tiġi approvata, fosthom li jsiru avviżi fil-ġurnali bil-Malti u bl-Ingliż għal darbtejn.

40.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono fakkar lill-Membri tal-Kunsill dwar l-attivita' tal-Gimgħa 13 t'April fejn flimkien mall-Ministru tal-Ambjent l-Onorevoli Jose' Herrera ser jitqassmu l-premijiet lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem fil-kompetizzjoni tat-tappijiet kif ukoll dawk li ħadu sehem fil-kompetizzjonijiet relatati mall-attivitajiet tal-karnival. Sadanittant, matul din l-okkazjoni ser jiġu ppreżentati l-kotba lis-Surmast tal-iskola primarja San George Preca kif ġie miftiehem fis-seduta ta' qabel.

## *40.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

40.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jixtieq jiġbed għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Minors tal-Marsa Football Club rebħu l-League tal-kategorija tagħhom u jkun ġest sabiħ jekk il-Kunsill jibgħat ittra biex nifirħulhom ta' din il-kisba. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qabel perfettament li tkun ideja tajba ħafna li l-Kunsill jifraħ b'din il-kisba.

40.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit għamel suġġeriment fejn il-Kunsill għandhu joħroġ ktieb fuq il-25 sena ta' kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill u dan għandhu jikkonsisti f'ritratti tal-ħidma tal-

Kunsill. Dan is-suġġeriment intlaqa tajjeb mill-Membri l-oħra tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom kif ippreżentati. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-vot kien unanimu. L-iskeda ġiet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

## *40.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

40.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Awtorita' tad-Djar infurmat lill-Kunsill li ser tkompli bil-programm Skema 2 dwar manutenzjoni tal-kommun fil-binjiet tal-Gvern u ser tiġi allokata s-somma ta' €15,000. Għalhekk il-Kunsill għandhu l-fakulta' li jagħżel tlett blokki u jinforma l-Awtorita'. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

40.6.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Migrazzjoni magħrufa bħala IOM qed titlob lill-Kunsill jekk tistgħax tagħmel sessjoni ta' informazzjoni fil-Kunsill Lokali sabiex tkabbar l-għarfien dwar il-programm tal-*Assisted Voluntary Return*, fejn migranti ikunu mħeġġin b'diversi intizjattivi sabiex jerġaw jibdew ħajja ġdida fil-pajjiż li minnhom ikunu ġew. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot tal-Kunsill favur din l-inizjattivi kien wieħed unanimu.

40.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono informa lill-Membri tal-Kunsill li l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet b'mod uffiċjali l-permess sabiex isiru x-xogħolijiet tal-funtana u r-reservoir fi Triq Isouard ma Qormi Road.

## *40.7 Tiswija ta' taraġ fi Triq il-Jum wara l-Bring in sites*

40.7.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono spjega li t-taraġ ta' Triq il-Jum wara l-Bring in sites għandhu bżonn *refurbishment* totali minħabba l-ħsara li saritlu matul iż-żmien. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li jsir bid-dawl hekk kif fit-tarf tat-taraġ hemm arblu tad-dawl. Is-Sindku qabel ma din il-proposta u żied jgħid li wara li jsir dan it-taraġ tkun ideja tajba jekk il-Kunsill ikompli jagħmel xogħol ta' tisbieħ fuq it-taraġ ta' Triq il-Pitkali li tieħdok fejn hemm il-Monunment tar-Reppublika. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.8 Ħatra ta' Bord tal-Ġħażla*

40.8.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li hemm bżonn li jinħatar Bord tal-Għażla sabiex jiġu evalwati l-applikanti għall-part-time clerk fil-Kunsill. B'kollox hemm tlett applikanti u s-Sindku qiegħed jipproponi li l-bord ikun kompost mis-Segretarju Eżekuttiv s-Sur Edward Spiteri Audibert, l-Agent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Kenneth Brincat, kif ukoll Segretarju Eżekuttiv ieħor s-Sur Svetlick Flores. Is-Sindku stieden lill-Membri tal-Kunsill sabiex min ikun irid jista' jattendi għal dawn l-interviews li ser isiru nhar id-19 t'April wara d-disgħa ta' filgħodu. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.9 Audited Financial Statements 2017*

40.9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono stieden lir-rappresentanta tal-kumpanija Reanda Malta sabiex tagħti rendikont tal-bidliet li kien hemm fl-istqarrijiet awditjati finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2017. Hawnhekk rajna li sar aġustament ta' madwar €700 f'interessi tal-Bank li ma ġewx inklużi fir-rapport finanzjarju ta' qabel. Kien hemm ukoll żewġ *reclassifications* li kienu jinkludu €10,000 f'*supplimentary income* u €8,900 f'distribuzzjonijiet tal-LESA. Lil hinn min dawn il-figuri ma kienx hemm aktar tibdiliet fl-istqarrijiet finanzjarji tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Jean Paul Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur dan id-dokument kien wieħed unanimu.

## *40.10 Financial Committment Report January-March 2018*

40.10.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jinforma l-Kunsill bl-andament finanzjarju li ġie rreġistrat għall-ewwel kwart tas-sena 2018. Matul dan il-perjodu rajna li kien hemm surplus ta' madwar €23,000 li huwa ferm pożittiv meta wieħed iqis l-ispejjeż kollha li għandu l-Kunsill speċjalment f'dak li huwa tindif u maintenance generali tal-lokalita'. L-andament pożittiv tal-Kunsill jidher wkoll fil-*cash flow* ta' €300,000 li huwa wkoll indikatur tas-saħħa finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.11 Ħruġ ta' sejħa għall-artisti fuq il-Monument tal-Ħaddiema (tax-Xatt)*

40.11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill ilu jaħseb biex isib post adegwat fejn jista' jittella monument f'ġieħ il-ħaddiema tax-xatt li miegħu hija marbuta l-istorja ta' din il-lokalita' portwarja. Wara diskussjoni qasira l-kunsilliera qablu li l-aħjar sit għal monument bħal dan ikun fir-*round about* tal-Menqa li kien iċ-ċentru ta' din l-attivita' tal-ħaddiema tax-xatt.

B’hekk il-Kunsill ser ikun qed jagħmel avviż fuq il-ġurnali sabiex dawk l-artisti interessati jissottomettu abbozz ta’ monument f’ġieħ il-ħaddiema tax-xatt. Dawk interessati ser ikollhom perjodu ta’ xahar biex jagħmlu din is-sottomissjoni li ser tagħlaq fil-28 ta’ Mejju. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

40.11.2 IL-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Marsa fl-imgħoddi kienet magħrufa mhux biss għall-ħaddiema tax-xatt imma għal diversi snajja oħra li maż-żminijiet dawn intilfu, foshom x-xogħol fuq il-qasab. B’hekk tkun ideja tajba jekk isir monument f’ġieħ il-haddiema tal-qasab hekk kif dawn kienu partikolarment magħrufa fil-Marsa. Il-proposta ntlaqgħet mill-membri preżenti. B’hekk f’dan il-każ ukoll il-Kunsill ser ikun qed jagħmel avviż fuq il-ġurnali sabiex dawk l-artisti interessati jissottomettu abbozz ta’ monument f’ġieħ il-ħaddiema tal-qasab. Dawk interessati ser ikollhom perjodu ta’ xahar biex jagħmlu din is-sottomissjoni li ser tagħlaq fil-28 ta’ Mejju. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

40.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 7.00pm u ġiet aġġornata għat-2 ta’ Mejju 2018 fis-6.15pm kif kien miftiehem fis-seduta ta’ qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 2 ta’ Mejju 2018